CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 61

Il-Ġimgħa, 9 ta' Frar 2018

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fid- 3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fl-4.15pm.

**61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

61.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

61.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-Sittin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

61.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**61.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

61.3.1 Is-Sindku qara ittra mill-Għaqda tan-Nar San Guzepp biex il-Kunsill jagħti n-*no objection* tiegħu biex isir il-ħruq tan-nar minn fuq l-area tat-Tomba kif ukoll minn ħdejn l-istazzjon.

Is-Sindku flimkien mal-Kunsill qed juri l-preokkupazjoni tiegħu għal fatt li l-bridge tal-Mtarfa għandu bzonn li jsirulu xogħolijiet strutturali fuq iċ-ċnut tal-bridge u dan il-ħruq tan-nar jista' jkompli jiddeġenera l-istat tiegħu.

Għaldaqstant il-Kunsill talab li ssir laqgħa mad-dilettanti tan-nar fejn jiġi spjegat lilhom dan il-periklu u li għandu jkun hemm assigurazzjoni u dikjarazzjoni mill-perit tagħhom li dan il-ħruq ma jikkawzax danni u jigi assigurat li ma jkunx hemm periklu għal terzi.

61.3.2 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li ntbgħatet ittra lis-CEO ta' Transport Malta, is-Sur James Piscopo fir-rigward tal-penali tas-sistema tal-punti fuq is-sewqan peress li nqalet anomalija fejn min jidħol ġewwa l-Mdina forsi bi zball qed jinqatgħulu l-punti wkoll. Għalhekk għandha tinstab soluzzjoni għal dan.

61.3.3 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li d-Dipartiment għal Gvern Lokali approva t-talba tagħna u ser jingħataw € 11,000 biex tittella' l-attivita' tal-Medieval Mdina.

61.3.4 Is-Sindku ppropona li is-Sur Sergio Paolo li ħadem ħafna biex isir twinning mal-lokalita' ta' Antridoco, Italia jingħata Cittadinanza Onorarja tal-Mdina. Il-Kunsill approva.

61.3.5 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li tqabbad technician biex jiċċekkja il-cameras ta' sorveljanza għad-dħul minn Greeks Gate għax dawn huma bil-ħsara u jridu jitranġaw.

61.3.6 Is-Sindku bi pjaċir ħabbar li minn moniteraġġ li sar fuq id-dħul ta' karozzi ġewwa l-Mdina tjieb wara li ġie introdott permess ġdid ta' kulur vjola fejn jingħata dan il-permess biex jintuza mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-7am u l-5pm.

61.3.7 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li x-xogħolijiet fuq ir-railings il-ġodda fuq It-Tomba ser jibdew fil-ġimgħat li ġejjin.

61.3.8 Is-Sindku ppropona li l-ħarġa li jmiss għall-anzjani għandha ssir ġewwa Forti Sant' Angelo. Il-Kunsill approva.

61.3.9 Is-Sindku ppropona li bħala Kunsill għandna napplikaw ma' l-Awtorita' tad- Djar biex il-kiosk li jinsab mal-ġenb inti u dieħel l-Mdina jingħata lill-Kunsill bħala devoluzzjoni. Il-Kunsill approva.

61.3.10 Is-Sindku talab lill-Kunsill li għandu jaħseb biex il-Kunsill jkollu hydraulic manhole lifter ieħor bħala back-up u peress li hawn Malta ma sibnix xi ħaga simili, dan l-apparat għandu jinxtara mill-Inghilterra. Il-Kunsill approva wkoll li għandhom jinxtraw tmien cigarette boxes oħra u dawn ukoll mill-Inghilterra għax bħala spejjez jiġu jiswew ferm inqas.

**61.4 Approvazzjoni tar- Rapport Finanzjarju 2017.**

61.4.1 Il Ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2017 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuz). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Prezenti kien hemm l-accountant tal-Kunsill

61.4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv talab lill-Kunsill u qed jipproponi għall-approvazzjoni li jsiru emendi skont kif elenkati fid-dokument meħmuz. Il-Kunsill approva dawn l-emendi.

61.4 Ir-rapport finanzjarju għas-sena 2017 ġie approvat unanimament.

**61.5 Approvazzjoni tal-Business Plan 2018-2020**

61.5.1 Il-Business Plan 2018-2020 tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kunsill (meħmuz). Kopja ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

61.5.2 Il-Business Plan ġie approvat unanimament

**61.6 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv**

61.6.1 Il-Business Plan 2018-2020 tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kunsill (meħmuz). Kopja ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

61.6.2 Ir-Rapport Amminstrattiv ġie approvat unanimament.

## 61.7 Proġetti Kapitali

61.7.1 Il-Kunsill wara li ra l-possibiltajiet li jagħmel xi proġett kapitali qabel tagħlaq din il-leġislatura, huwa tal-idea li għandna nkomplu bil-proċess li tingħata l-art li tinsab fejn l-Istazzjon bħala devoluzjoni u jsir car park biex b'hekk ikunu jistgħu jittaffew ftit mill-problemi ta' parkeġġ fl-Mdina.

## 61.7 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

61.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tad-9 ta' Frar 2018 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 27,715.23

61.7.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Alfred Barbaro Sant li kien issekondat mill-Kunsilliera Maryann Sultana. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miz- żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

61.7.3 Is-Segretarju Ezekuttiv talab li peress li kien hemm tibdil fil-liġi fejn il-massimu ta' petty cash tela' minn € 23.29 għal € 50, il-cash float għandu jkun ta' € 100. Għalhekk talab li jsir top-up. Il-Kunsill approva unanimament.

## 61.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

61.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fl-4.50pm u ġiet aġġornata għal 14 ta' Marzu 2018 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ________________ | ________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data: 14-03-2018_______